MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Numru. 762/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**KONTRA**

**MICHAEL MIFSUD ta' 54 sena, iben Giovanni u Maria Lourdes nee' Farrugia, imwieled iz-Zurrieq nhar it-2 ta' April, 1955, residenti fil-fond St Rita, Valletta Road, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 266555M**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MICHAEL MIFSUD** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-13 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tal-11.00am, volontarjament ta n-nar lill-bini, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-Artikoli 316, u cioe' dwejra li tinsab fil-lokalita'

tal-Qortin, limiti taz-Zurrieq, meta fil-waqt li ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa, u dak il-bini, gharix, jew lok iehor, kien qieghed b'mod li ma setax iqabbad hruq f'bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa, ghad-dannu ta' Joseph Camilleri minn Hal-Luqa u diversi persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess post, data u hin, volontarjament ikkaguna hsara fuq l-istess dwejra u l-affarijiet li kien fiha, liema hsara teccedi l-Lm10.00 imma ma teccedix il-Lm500.00 ghad-dannu ta' Joseph Camilleri minn Hal-Luqa u diversi persuni ohra.

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra Michael Mifsud

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni ghall-istess proceduri.

Rat li l-akkuzat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat l-atti kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad *a priori* li fir-rigward ta' dan ir-reat kienet saret Inkjesta Magisterjali, allura ezebita fl-atti. Mill-istess Inkjesta jirrizulta li ghalkemm instemghu x-xhieda li b'xi mod kienu nvoluti f'dan il-kaz, pero (enfasi tal-Qorti) ma giex imqabbad ebda espert li seta' jistabilixxi l-kagun tan-nar li affligga l-ghorfa fl-ghalqa li tinsab gewwa l-Qortin, iz-Zurrieq.

Jirrizulta mix-xhieda prodotta, cioe' l-ahwa Camilleri li din l-ghorfa kienet fil-pussess taghhom konguntiv ma' proprjetarji jew uzanti ohra tar-raba' vicin. Kien wiehed mill-ahwa Alexander Camilleri li fil-fatt gie avvicinat minn hu l-istess imputat, certu Joseph Mifsud, li nfurmah li kien

jaf li kien huh l-imputat li kien ta n-nar lil din il-kamra. Fil-fatt ir-rapport sar ghaliex dan Joseph Mifsud wera l-intenzjoni li jiddeponi fuq dak li skondtu kien ra.

Minn naha tieghu Joseph Camilleri xehed illi hu kien juza din il-kamra li giet mahruqa u li gie nfurmat minn huh li kienet hekk giet mahruqa mill-istess imputat – dan skond informazzjoni li flimkien ma' huh kien ircieva minghand l-istess Joseph Mifsud, hu l-imputat. L-istess Joseph Camilleri ikkonferma d-danni kkagunati lil din l-ghorfa bin-nar, DOK JC, ghall-ammont ta' Lm402.67.

L-istess dokument stabbilenti d-dannu gie kkonfermat minn Joseph Zerafa, li rrediga l-istess.

Dan ix-xhud okulari, allura Joseph Mifsud, hu l-imputat, ghazel li jiddeponi. Dan qal u kien jidher fic-car li huwa u huh l-imputat ma kienu jingiebu xejn. Xehed illi hu kien fir-razzett tieghu biswit il-kamra, l-ghorfa li sofriet il-hruq. Kien fuq il-bejt ta' l-istess razzett. Ra lil huh f'razzett iehor biswit (taghhom ukoll) tiela' u niezel fuq il-bejt tar-razzett li kien fih. Rah f'daqqa wahda johrog, jitbaxxa, u jigri bil-qalziet ta' taht. Jghid ukoll ix-xhud li sakemm rega' hares ra n-nar tiela' minn gol-kamra. Jghid li rega' rah jigri, joghla u jitbaxxa bejn ix-xatba tar-razzett tieghu u jaghmel gebla ma' l-istess xatba.

Informa lill-ahwa Camilleri li kien huh l-imputat li kien haraq l-ghorfa taghhom.

Qal ukoll illi minn x'hin ra lil huh l-imputat hiereg mill-ghorfa sakemm ra d-duhhan tiela' mill-istess sit, ghaddew tnejn jew tliet minuti. Jghid li kif huh hareg jigri minnu go l-ghorfa beda hiereg id-duhhan.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx ghalfejn din il-Qorti issahhah fuq principju baziku fil-Kamp Kriminali li hija l-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-imputat, li tfisser din li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova sa grad lil hinn minn kull dubbju l-htija ta' l-imputat.

Illi kif diga’ qalet din il-Qorti ebda prova ma ngabet tal-kagun tal-hruq ta’ din l-ghorfa, lanqas ma sar xi *swabbing* fuq l-imputat li seta’ jorbtu ma dan ir-reat. Il-fatt biss illi huh li fi kliemu huwa miggieled minnn mieghu, rah vicin l-ghorfa u ftit wara ra d-duhhan tiela’ mill-istess ma jfissirx li bla dubbju ragonevoli kien l-imputat li haraq l-istess sit. Il-fatt illi l-imputat beda tiela’ u niezel u qisu jistahba jista’ jkun fih innifsu ndikattiv li hu stess kien qieghed jara xi haga suspettuza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------